MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 2/2011

**Joseph Saliba (ID 139743M)**

**vs**

**Imperial Hotel (Goldvest Company Ltd (C18266)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-31 ta' Jannar 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali fil-11 ta' Dicembru 2009 wara li l-Qorti tal-Appell annulat sentenza precedenti u rrimandat l-atti lura lit-Tribunal biex jikkonsidra u jiddefinixxi l-mertu tal-kwistjoni b'decizjoni motivata skont il-ligi.*

*It-Tribunal zamm tliet seduti.*

*Joseph Saliba, aktar 'il quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u ghal Imperial Hotel (Goldvest Co. Ltd.), aktar 'il quddiem tissejjah il-"Kumpanija" deher l-Avukat Vincent Galea.*

*Dan il-kaz inbeda fit-2 ta' Awwissu 1996 u ilu ghaddej aktar minn 14-il sena. It-Tribunal kellu jifli xhieda u dokumenti volominuzi li nghataw jew gew prezentati tul dan il-perijodu.*

*Minn dan irrizulta li:*

*tul iz-zmien li l-lukanda kienet ta' Forte l-appellant kien meqjus bhala General Manager tajjeb hafna u nghata diversi ittri ta' tifhir minn dirigenti gholjin ta' Forte kif ukoll mis-Sur Rocco Forte nnifsu u nghata awards minn ditti internazzjonali tal-ivjaggar ghat-tmexxija tal-Lukanda;*

*meta nxtrat il-lukanda minn Goldvest Co. Ltd. kien hemm difetti u nuqqasijiet fil-lukanda li kienu gejjin minn zmien il-propjetarji ta' qabel;*
*ir-relazzjonijiet bejn l-appellant u l-Managing Director kienu tajbin ghall-ewwel sitt xhur izda mbaghad bdew jihzienu b'mod mghaggel;*

*il-Managing Director tal-propjetarji l-godda ried li jirranga difetti u nuqqasijiet li deherlu kien hemm fil-lukanda u beda jattribwixxi dawn ghal tmexxija hazina manigerjali mill-appellant;*

*l-appellant obvjament hassu offiz li nuqqasijiet u difetti qed jigu attribwiti lil tmexxi hazina minnu;*

*bdew jinqalghu kwistjonijiet bejniethom fuq diversi aspetti tat-tmexxija u argumenti kull darba li jiltaqghu tant li l-Managing Director iddecieda li jibda jikkomunika ma l-appellant bil-Fax;*

*Fil-fehma tat-Tribunal id-disgwid bejn dawn it-tnejn kien dovut ghal "clash of personalities" b'wiehed irid jiehu kontroll f'idejh, li ghalkemm kellu dritt jaghmel hekk, izda ma hax kont li l-iehor kien imdorri li jkun fdat bit-tmexxija*

*totali u kien jidhirlu li ghandu wisq aktar esperjenza flt-tmexxija ta' lukanda mill-Managing Director li kien avukat;*

*Id-decizjoni tal-Managing Director li jibda jikkomunika mal-appellant bil-fax kompliet aggravat is-sitwazzjoni ghax tat lok ghal korrespondenza aspra b'ton dejjem jiddeterjora u jsir sarkastiku tant li r-relazzjoni bejniethom ma baqghetx tenibbli.*

*Ilium, wara 14-il sena u minghajr ma wiehed seta' jqis il-komportament u l-attidudni tal-persuni koncernati f'dak iz-zmien, huwa difficli tistabbilixxi proporzjon ta' htija ghas-sitwazzjoni li nqalet. Huwa fatt li kien hemm nuqqasijiet fil-lukanda, il-bicca l-kbira gejjin minn zmien il-propjetarji ta' qabel, u li l-Managing Director ried li jirrangahom. Il-mod li uza mal-appellant biex jaghmel dan ma kienx l-idejali u wiehed kellu jirrealizza li persuna, mdorri jiehu decizjonijiet hu, kien se jiddejjaq jigi ordnat kif ghandu jmexxi f'oqsma li qabel kienu risponsabbilta` tieghu u jhoss li hu aktar kompetenti fihom.*

*It-Tribunal jidhirlu li d-disgwid kien kagun ta' differenzi fil-karattru tal-persuni koncernati u l-atteggament li addottaw lejn xulxin. Kien evidenti li ma kienx hemm aktar possibbilta' ta' koperazzjoni xierqa bejniethom u kien fl-interess tal-lukanda li s-sitwazzjoni tigi rimedjata.*

*Billi l-Managing Director tilef il-fiducja f'ufficjal gholi li jrid igawdi fiducja seta' jitterminalu l-impieg izda bil-hlas ta' kumpens jekk ma kienx hemm raguni serja biz-zejjed li timmerita tkeccija.*

*It-Tribunal jiddeciedi li ma kienx hemm raguni serja bizzejjed biex tiggustifika l-kastig estrem ta' tkeccija tal-appellant specjalment meta dan ma nghatax twissija serja ta' possibbilta' ta' terminazzjoni tal-impieg u opportunita` xierqa biex jiddefendi ruhu. Izda l-Kumpanija kellha d-dritt titterminalu l-impieg ghax tilfet fiducja fin. Fic-cirkostanzi l-Kumpanija kellha thallas kumpens lill-appellant.*

*It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment l-attitudni tal-appellant u l-Managing Director lejn xulxin, xi*

*nuqqasijiet tal-appellant inkluz kazijiet ta' arroganza fil-kitba, il-mod kif agixxa l-Managing Director u kif gie terminat hezrem l-impieg, il-kontribuzzjoni tal-appellant ghas-sitwazzjoni li nqalet u z-zmien li ghamel minghajr xoghol.*

*It-Tribunal jidhirlu li l-kumpens li kien gie likwidat fid-decizjoni precedenti kien ezagerat u jordna li l-Kumpanija thallas kumpens limitat lill-appellant fis-somma ta' €9,000 (disat elef ewro) fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.*

*Ghall-finijniet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (disgha u erbghin ewro).*

*B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Saliba datat 11 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement jew (a) terga' tirrimetti l-atti lit-Tribunal Industrijali sabiex jevalwa sew l-fatti tal-kaz, jimmotiva d-decizjoni u l-kunsiderazzjonijiet tieghu b'referenza ghall-evidenza li inghatat quddiem l-istess Tribunal u jillikwida kumpens xieraq u ragunat fid-dawl tac-cirkostanzi u l-fatti ppruvati jew (b) taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Imperial Hotel (Goldvest Company Limited (C-18266)) datata 27 ta' Mejju 2011 a fol 14 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha ta' dan l-episodju a kariku tal-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Vincent Galea ghas-socjeta` appellata, u Dr. Matthew Brincat ghall-appellant prezenti. Dr. Brincat indika li l-artikolu a fol 3 tar-rikors tieghu hu dak **36 (14) (b) tal-kap 452.** Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Mejju 2012.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 11 ta’ Dicembru 2009 u d-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet premessi datata 11 ta’ Dicembru 2009.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluza d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 31 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) d-decizjoni ma hijiex motivita skond il-ligi kemm rigward l-mertu ta’ tkeccija ngusta u kemm dwar il-kumpens (b) li t-Tribunal wasal ghall konkluzzjonijiet zbaljati legalment ghaliex meta l-istess Tribunal sostna li *“l-kumpanija kellha d-dritt titterminalu l-impjieg ghax tilfet il-fiducja fih”* dan immur kontra dak provdut fl-**artikolu 34 (14) (b) tal-Kap. 452** fejn jinghad li ma tistax titqies bhala raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-impjieg li l-impjegat ma jgawdix il-fiducja tal-principal hlief fil-kaz ta’ domestiku privat, li mhux il-kaz odjern u dan impinga anke fuq l-kwantum ta’ kumpens likwidat.

Illi dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju jinghad li sabiex jigi determinat jekk decizjoni hijiex motivata htieg li l-Qorti tirreferi ghall dak li nghad fis-sentenza **“Maltacom plc vs**

**Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) fis-sens li abbazi ta' dan il-principju huwa necessarju li decizjoni tkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda ikun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li l-Arbitru naqas li jaghti risposta dettaljata ghall kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li titratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Natalia Aquilina vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Mejju 2011) inghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Patrick Refalo vs Kummisarju tal-VAT"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Marzu 2012) dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz Qorti, Bord, Tribunal jew Arbitru ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li jittratta dak li huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex issir dan l-istess Bord, u tribunal jew organu gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u f'dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun

verament motivata **(“Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni”** – A.C. – 4 ta’ Marzu 2002; **“Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa”** – A.I.C. (PS) – 28 ta’ April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero’ minn naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi njorat u anke sorvolat b’deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta’ konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **(“Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et”** – A.I.C. (PS) – 23 ta’ Jannar 2004) **“Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010).

Illi fil-fatt fis-sentenza appena citata **“Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010) inghad li:-

*“…..il-motivazzjoni hi ta’ essenza f’kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista’, anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista’ tigi ndividwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **“Joseph Mercieca vs Water Services Corporation”** Appell Inferjuri, 27 ta’ Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta’ fehma giet, sa ricentement hafna, abbracjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re: **Frank P. Borg. Limited vs Joseph Camilleri”,** 28 ta’ Mejju 2010”.*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 30 ta’ Jannar 2009) tant li gie ritenut li:-

*“fl-adempjiment ta’ l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta’ dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu”.*

Illi fis-sentenza **“Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu

jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. *"Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imam wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom".*

Illi hekk fid-decizjoni **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom u mhux jisfjorhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiema **("Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **"Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2011) inghad li *"sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant* ghandu *fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi,*

*b'dan li jinghata aditu ghall dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju cerimus paribus u ta' smiegh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata".*

Illi applikati dawn il-principji ghal-fattispecie odjerni jidher li dan ma huwiex il-kaz in ezami u dan anke fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Joseph Saliba vs Imperial Hotel"** (A.I.C. (PS) – 11 ta' Dicembru 2000) fejn gie enfasizzat ir-rekwizit li l-motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta mis-sentenza izda wkoll li din tkun adegwata **("Charmaine Camilleri vs Eugenio Abdilla et"** (A.I.C. (RCP) – 12 ta' Jannar 2005) sabiex il-partijiet ikunu jafu kemm dwar fatt u d-dritt ghaliex id-decizjoni giet deciza bil-mod indikat favur parti jew ohra u dan fil-kuntest li r-regoli bazilari ta' gustizzja naturali kienu qed jigu pjenament osservati **("Cauchi Limited vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2000) hawn inghad li ghandha tkun id-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad li ghandha tkun l-aktar ezawrjenti proprju ghaliex l-motivazzjoni taghha li kellha tipprovdi l-bazi ta' l-eventwali appell moghti lil tribunal ta' revizjoni **("Gordon Agius vs Avukat Generali"** – A.C. – 20 ta' Dicembru 2000).

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li d-decizjoni tat-Tribunal hija motivata bizzejjed sabiex tissodisfa l-vot tal-Ligi ghaliex fiha gie deciz li s-socjeta' appellata ma kellhiex raguni gusta sabiex tkecci lill-appellat, u fil-fatt li t-tkeccija saret minhabba li kien hemm "clash of characters" bejn il-Managing Director u l-appellant, u ghaliex li s-socjeta' kecciet lill impjegat ghar-ragunijiet mhux gustifikabbli skond il-ligi u allura giet indirizzata l-kwestjoni bejn il-partijiet jekk kienx hemm tkeccija ingusta jew le, u dan jidher li l-istess Tribunal hadu fid-dawl tax-xhieda kollha li kellu quddiemu f'kawza interminabbli li bdiet fit-2 ta' Awwissu 1996.

Illi huwa veru li t-Tribunal ma dahalx f'kull punt sottomess mill-partijiet fis-sens li ma indikax l-argumenti kollha migjuba mill-partijiet fis-sentenza u trattaw wiehed wiehed, izda jirrizulta li fil-fatt tali argumenti gew ikkunsidrati

attivament mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu, b'dan li spjega ghaliex dak sottomess mis-socjeta' appellata f'dan ir-rigward ma giex accettat u dan ghaliex ma rrizultax, u dan fid-dawl ta' dak sottomess mill-appellant, u mill-istess hareg li kien hemm tkeccija ghar-ragunijiet mhux gusti skond il-ligi u wkoll li r-raguni li s-socjeta' appellata ghamlet li ghamlet kien ghaliex il-*Managing Director* ma kienx jaqbel mal-appellant u ghalhekk dan tilef il-fiducja fih u allura bla raguni gustifikabbli fil-ligi keccieh. Mela l-ewwel parti tal-ewwel aggravju qed tigi michuda ghaliex id-decizjoni hija sufficjentement motivata.

Illi dwar it-tieni parti tal-ewwel aggravju u t-tieni aggravju din il-Qorti ghar-ragunijiet prattici ser tikkonsidrahom flimkien ghaliex huma ben relatati u dan ghaliex jidher l-appell huwa dirett lejn l-ammont ta' kumpens likwidat mit-Tribunal u kif l-istess wasal ghalih, fuq kollox fuq konsiderazzjonijiet li l-appellant jissottemetti li mhux ma kienux rilevanti izda li jammontaw ghall interpretazzjoni hazina tal-ligi.

Illi fil-fatt l-argument tal-appellant huwa fis-sens li meta t-Tribunal Industrijali ddecieda fuq il-motivazzjoni principali ta' tkeccija ngusta tal-appellat mill-impjieg tieghu mas-socjeta' appellanti huwa ddecieda hazin legalment meta sostna li *"l-kumpanija kellha d-dritt titterminalu l-impjieg ghax tilfet il-fiducja fih"* ghaliex dan immur kontra dak provdut fl-**artikolu 34 (14) (b) tal-Kap. 452** fejn jinghad li ma tistax titqies bhala raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-impjieg li l-impjegat ma jgawdix il-fiducja tal-principal hlief fil-kaz ta' domestiku privat, li mhux il-kaz odjern u dan impinga anke fuq l-kwantum ta' kumpens likwidat.

Illi din il-Qorti thoss li hawn l-appell huwa ben fondat ghaliex f'dan il-kaz dan il-pronuncjament tat-Tribunal huwa zbaljat ghaliex il-fatt li l-principal jitlef il-fiducja tal-impjieg ma jtihx id-dritt skond il-Ligi li jkecci lill-istess impjegat, u kemm il-darba issir hekk, kif fil-fatt sar f'dan il-kaz, dan jammonta ghall tkeccija ngusta u mhux skond il-ligi u senjatement tant huwa zball gravi dan li jmur adirittura kontra dak provdut espressament fil-ligi skond l-**artikolu 36 (14) (b) tal-Kap. 452** li allura jipprovdi

espressament li principal ma jistax ikecci lill impjegat hlief ghar-raguni tajba u li *“l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal”* ma hijiex ikkunsidrata bhala raguni tajba u ghalhekk meta t-Tribunal qal li *“Izda l-kumpanija kellha d-dritt tittermina l-impjieg ghax tilfet fiducja fih”* dan kien assulutament legalment zbaljat. F’dan il-kuntest mela allura l-appell huwa ben fondat.

Illi bil-mod kif hija redatta l-istess decizjoni, nkluz allura b’dan il-pronuncjment zbaljat, dan l-izball huwa iktar gravi u serju meta jidher mill-istess decizjoni li minkejja li t-Tribunal ddecieda li ma kienx hemm raguni tajba u gusta ghat-tkeccija tal-appellant, huwa ttenta jaghti xi gustifikazzjoni ghall dan l-agir abbussiva tas-socjeta’ appellanti, (li la legalment zbaljat qatt ma seta` jigi legalment u gudizzjarment difiz), billi irrefera ghal dak li huwa sejjah bhala l-attitudni tal-appellat, li allura f’dak l-istadju tad-decizjoni (wara li gie determinat li t-tkeccija kienet ingusta) kienet ghal kollox irrelevanti, ghaliex dak li t-Tribunal kellu jiddeciedi kien jekk it-tkeccija saritx skond il-ligi, u la darba t-Tribunal iddecieda li ma kienitx, l-attitudini tal-appellant kienet (logikament) gja ttiehdet in konsiderazzjoni, tant li xorta wahda waslet lill-istess Tribunal li jiddeciedi li s-socjeta’ appellanti ma’ kellhiex raguni valida skond il-ligi sabiex tkecci lill-appellant u dan fil-fatt ghamlitu biss ghaliex kien hemm nuqqas ta’ fiducja mill-principal fl-appellant.

Illi dan ir-ragunament zbaljat tat-Tribunal impinga necessarjament fuq il-kwantum ta’ kumpens moghti mit-Tribunal fl-istess decizjoni u ghalkemm jidher li gie ffissat *arbitro boni viri,* jirrizulta li ha in konsiderazzjoni dak li huwa stess qal fid-decizjoni tieghu li kif qed jigi ndikat f’din is-sentenza kien legalment zbaljat u dan affettwa negattivament l-ammont ta’ kumpens li gie likwidat favur l-appellant; fuq kollox gie uzat sabiex jigi ddikjarat li l-kumpens li kien inghata qabel mit-Tribunal fl-ammont ta’ f’decizjoni li giet annulata fl-ammont ta’ €24,286 kien ezegerat, meta l-istess Tribunal lanqas biss ittenta jispjega ghaliex qal hekk. Dan huwa iktar serju meta jirrizulta li l-appellant kellu fis-sena 1995 salarju ta’ Lm19,000 fis-sena u dan jirrizulta anke minn ittra ta’ Dr.

Victor Ragonesi datata l-1 ta' Gunju 2005 (Dok. "VER 5" – Vol. II fol. 508).

Illi f'dan il-kuntest jidher allura li legalment il-mod kif l-istess Tribunal wasal ghall-kumpens kien ippermjat fuq presupposti legali li kienu zbaljati u li ppregudikaw illegalment u ingustament lill-appellant, u allura tenut kont ta' dan l-izball legali fid-decizjoni, zball li impinga fuq l-ammont ta' kumpens moghti lill-appellant, din il-Qorti fuq din il-bazi ta' dan zball legali fid-decizjoni tat-Tribunal thoss li tali kumpens tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kien wiehed baxx wisq, u dan anke fid-dawl tas-salarju li kellu l-appellant, il-mod tat-tkeccija tieghu, u l-mod kif gie trattat mill-principal tieghu u kif shhet it-tkeccija tieghu bla pre-avviz, u fid-dawl li tal-fatt li jidher li ttiehdet decizjoni li huwa jitkecca ghas-semplici raguni li huwa gie kkonsidrat li tilef il-fiducja tal-Managing Director, il-konsegwenzi li soffra l-appellant minhabba tali decizjoni llegali, u ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk *arbitro boni viri* u fid-dawl tar-rizultanzi kollha processwali thoss li l-kumpens dovut lill-appellanti ghandu jkun ta' 15,000 Euro u dan qed jinghad anke fil-kuntest ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Joseph Paris vs The Cargo Handling Company Limited et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' April 2010) fejn inghad sabiex jigi evalwat il-kumpens dan ghandu jsir b'mod ekwu tenut5 kont ukoll tal-hidma u s-servizz li l-impjegat ikun ippresta ghall tant snin (bhal ma huwa dan il-kaz) f'dan is-sens din il-Qorti qed tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali b'dan li s-socjeta' appellata ghandha thallas lill-appellant is-somma ta' hmistax il-elf €15,000 bhala kumpens ghat-tkeccija tieghu ngusta mill-impjieg mis-socjeta' appellata.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata datata 27 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell tal-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 11 ta' Frar 2011 biss fis-sens hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed tirriforma u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali**

**fl-ismijiet "Joseph Saliba vs Imperial Hotel (Goldvest Company Ltd" (Kaz. Nru. 1059/AC – Decizjoni Numru 2046) b'dan li tikkonfermaha fejn iddikjarat li t-tkeccija tal-appellant Joseph Saliba ma kinitx ghar-raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi, u allura tali tkeccija kienet ingusta u llegali, izda tvarjaha in kwantu ghall-kumpens hemm likwidat, b'dan ghar-ragunijiet hawn decizi, qed jigi hawn likwidat bhala kumpens l-ammont ta' hmistax il-elf euro (€15,000) li din il-Qorti qed tikkundanna lis-socjeta' appellata thallas lill-appellant b'effett mid-data ta' din is-sentenza.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tas-socjeta' appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------